# IL-PROĠETT TAL-MANUTENZJONI TAD-DAR PARROKKJALI





Mill-bidu tal-ministeru tiegħu bħala Arċipriet, Mons. Joseph Sultana ħa l-impenn li ssir il-manutenzjoni fid-dar parrokkjali biex din issir dar abitabbli. L-aħħar xogħlijiet kienu saru fi żmien l-Arċipriet Ġużeppi Borg, tant li fi żmien l-Arċipriet Anton Saliba, quddiem il-ħtieġa tal-manutenzjoni li kellha d-dar, kien inbeda l-proġett biex id-dar parrokkjali tiġi trasferita fid-dar tas-Sorjiet Dumnikani meta dawn kienu għalqu d-dar tagħhom fir-raħal tal-Għarb. Dan wassal biex ix-xogħlijiet li kellhom isiru baqgħu lura bil-konsegwenza li d-dar saritilha aktar ħsara. Maż-żmien l-ideja li d-dar parrokkjali tiġi trasferita lejn id-dar tas-sorijiet ġiet imwarrba, tant li kemm l-Arċipriet Saliba kif ukoll l-Arċipriet Gauci baqgħu joperaw minn din id-dar tul il-parrokat kollu tagħhom.



Fid-dawl ta' ħidmiet simili li saru f'diversi parroċċi oħra, kien meħtieġ li anke d-dar parrokkjali tiġi restawrata biex tadegwa ruħha għall-ħtiġijiet pastorali ta' żmienna. Għaldaqstant saru diversi tibdiliet strutturali biex id-dar tkun tista' taqdi aħjar il-ħidma tagħha. L-uffiċċju parrokkjali ġie trasferit fuq quddiem tad-dar biex ikollu l-aċċess għalih minn wara l-knisja. Fl-istess waqt ġew liberati ż-żewġt ikmamar li kienu jintużaw bħala uffiċċju parrokkjali u librerija parrokkjali biex dawn ġew trasformati f'sala għal-laqgħat. Din kienet meħtieġa biex hekk jiġi evitat it-taraġ għall-persuni anzjani, ġaladarba l-unika sala mdaqqsa kienet dik fit-tieni sular tad-dar tad-duttrina.



Sar tibdil strutturali biex fid-dar ikun hemm residenza ta' żewġ saċerdoti, waqt li saru x-xogħlijiet kollha tad-dwal u tal-ilma mill-ġdid. Sar tiħkil minn barra tad-dar kollha u tibjid minn ġewwa. Grazzi wkoll lil diversi voluntiera li għenu u offrew sagħat sħaħ ta' xogħol ta' volontarjat biex setgħu jiġu evitati spejjeż akbar. Grazzi wkoll lil dawk li ħietu l-purtieri, għenu fit-tindif tad-dar u fuq kollox offrew għamajjar u ħwejjeġ oħra biex tiġi mgħammra din id-dar.

Il-ftuħ u l-inawgurazzjoni tad-dar ser issir Ħadd qabel il-festa, nhar id-29 ta' Ġunju 2014. Bħalissa għaddejjin l-aħħar xogħlijiet fuq il-garaxx u l-kantini tal-istess dar. Il-ħsieb huwa li mad-dar ikun hemm garaxx għall-vetturi kif ukoll jinħoloq spazju ta' logħob għall-abbatini tal-parroċċa.

L-aħħar kelma hija ta' ringrazzjament lil kull min ta sehmu kemm billi wettaq xogħol ta' volontarjat, kif ukoll min għen finanzjarjament. Nagħmlu appell biex ikun hawn benefatturi li jgħinu f'din l-opra biex ikunu jistgħu jitħallsu l-aħħar spejjeż marbuta mal-manutenjzoni kbira li twettqet.

**Ħjiel ta' tagħrif fuq il-bini tad-Dar Parrokkjali minn Maurice Cauchi**

Kien l-Arċipriet Carmelo Portelli li ta bidu biex tinbena din id-dar. Fil-15 ta' Lulju 1921 inxtrat l-art fi Triq Trux bl-atti tan-nutar Ġużepp Camilleri mingħand Ġanni Magro, Ġużepp Portelli u Mikelanġ Micallef. Din swiet £120. Fit-23 t'April 1925 tpoġġiet l-ewwel ġebla ta' din id-dar u x-xogħol spiċċa f'Mejju 1926. Il-bennej kien Wenzu Gatt mill-Għarb, fuq pjanta tal-perit Arturo Bondi. Il-ġebel inqata' minn Franġisk Mercieca (ta' Fortun) u nġarr minn Ġużepp Debrincat, mill-Għarb stess. Ix-xogħol tal-injam sar minn żewġ mastrudaxxi mill-Għarb li kienu Spiru Camilleri u Ġużepp Cassar. Ix-xogħol ta' tibjid u tikħil sar minn Salvu Buttigieg mir-Rabat. Il-binja b'kollox swiet £611.13s. Fl-1962 fi żmien l-Arċipriet Ġużeppi Borg sar id-dawl elettriku u l-ilma minn Dun Beneditt Camilleri, Maurice Cauchi u xi żgħażagħ oħra mill-Għarb.